Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2531

17.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2531

tas-16 ta' Diċembru 2025

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards ta' referenza u l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri elettroniċi kwalifikati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 45l(3) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 ġiet introdotta lista ta' servizzi fiduċjarji u servizzi fiduċjarji kwalifikati ġodda, inkluż ir-reġistrazzjoni ta' data elettronika f'reġistru elettroniku kwalifikat. Il-Kummissjoni trid tistabbilixxi lista ta' standards ta' referenza u, meta meħtieġ, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet għal dawk is-servizzi.

(2) Reġistru elettroniku hu sekwenza ta' rekords elettroniċi tad-data li tiżgura l-integrità ta' dawk ir-rekords tad-data u l-akkuratezza tal-ordni kronoloġika ta' dawk ir-rekords. Biex ikun żgurat li r-reġistrazzjoni tad-data f'reġistru elettroniku kwalifikat tkun ordnata kronoloġikament, konsistenti u affidabbli, jeħtieġ jiġi stabbilit sett komuni ta' speċifikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tad-data elettronika f'reġistru elettroniku kwalifikat.

(3) Il-preżunzjoni tal-konformità stabbilita fl-Artikolu 45l(2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 jenħtieġ li tkun tapplika biss meta s-servizzi fiduċjarji kwalifikati għar-reġistrazzjoni tad-data elettronika f'reġistru elettroniku kwalifikat ikunu konformi mal-istandards stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn l-istandards jenħtieġ li jkunu jirriflettu prattiki stabbiliti u jkunu rikonoxxuti b'mod wiesa' fis-setturi rilevanti. Jenħtieġ li jiġu adattati biex ikunu jinkludu kontrolli addizzjonali li jiżguraw is-sigurtà u l-affidabbiltà tas-servizz fiduċjarju kwalifikat.

(4) Jekk fornitur tas-servizzi fiduċjarji josserva r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-korpi superviżorji jenħtieġ li jassumu l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u jikkunsidraw kif xieraq dik il-preżunzjoni għall-għoti jew il-konferma tal-istatus kwalifikat tas-servizz fiduċjarju. Iżda fornitur kwalifikat tas-servizzi fiduċjarji xorta jista' jistrieħ fuq prattiki oħra biex juri l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

(5) Il-Kummissjoni tivvaluta regolarment teknoloġiji, prattiki, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda. F'konformità mal-Premessa 75 tar-Regolament (UE) 2024/1183, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina u, jekk ikun meħtieġ, taġġorna dan ir-Regolament biex iżżommu konformi mal-iżviluppi globali, ma' teknoloġiji, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda, u biex timxi mal-aqwa prattiki fis-suq intern.

[1] ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/1183 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali (ĠU L, 2024/1183, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1183/oj).

(6) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u, meta rilevanti, id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) japplikaw għall-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu wkoll il-"Linji Gwida 02/2025 dwar l-ipproċessar tad-data personali permezz tat-teknoloġiji tal-blockchain" ([5]) tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

(7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Ottubru 2025 ([7]).

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Standards ta' referenza u speċifikazzjonijiet

Għar-reġistri elettroniċi kwalifikati, l-istandards ta' referenza u l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 45l(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([4]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

([5]) edpb_guidelines_202502_blockchain_en.pdf.

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([7]) Kummenti formali tal-EDPS dwar l-abbozz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istandards ta' referenza u l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri elettroniċi kwalifikati.

ANNESS

Lista ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u standards ta' referenza għar-reġistri elettroniċi distribwiti kwalifikati

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (a) "finalità" tfisser l-istat ta' rekord tad-data ta' reġistru elettroniku meta jkun sar irriversibbli u ma jistax jiġi modifikat jew jitneħħa;

   (b) "reġistru elettroniku distribwit" tfisser reġistru elettroniku li jiġi kondiviż f'sett ta' nodi ta' reġistri elettroniċi distribwiti u li jkun sinkronizzat bejn in-nodi tar-reġistri elettroniċi distribwiti b'mekkaniżmu ta' kunsens;

   (c) "nodu ta' reġistri elettroniċi distribwiti" tfisser apparat jew proċess li jkun parti minn network ta' reġistri elettroniċi distribwiti u li jaħżen kopja sħiħa jew parzjali tar-rekords tad-data ta' reġistru elettroniku;

   (d) "network ta' reġistri elettroniċi distribwiti" tfisser network ta' nodi ta' reġistri elettroniċi distribwiti li jifforma sistema ta' reġistri elettroniċi distribwiti;

   (e) "sistema ta' reġistri elettroniċi distribwiti" tfisser sistema li timplimenta reġistru elettroniku distribwit;

   (f) "kunsens" tfisser ftehim fost in-nodi tar-reġistri elettroniċi distribwiti fuq il-validità tat-tranżazzjonijiet u ż-żamma ta' sett konsistenti u ordnat ta' tranżazzjonijiet ivvalidati fis-sistema ta' reġistri elettroniċi distribwiti;

   (g) "mekkaniżmu ta' kunsens" tfisser is-sett ta' regoli u proċeduri li permezz tagħhom jintlaħaq kunsens;

   (h) "regoli regolatorji" tfisser is-sett ta' protokolli, politiki u mekkaniżmi li jiddettaw kif topera s-sistema ta' reġistri elettroniċi distribwiti, kif tiġi vvalidata d-data u tiġi miżjuda ma' reġistru elettroniku, u kif jinteraġixxu l-parteċipanti;

   (i) "tranżazzjoni" tfisser l-iżgħar unità ta' proċess ta' ħidma f'reġistru elettroniku;

   (j) "proċess ta' ħidma" tfisser sekwenza waħda jew aktar ta' azzjonijiet meħtieġa biex jiġi ġġenerat eżitu li jkun konformi mar-regoli regolatorji ta' reġistru elettroniku;

   (k) "tranżazzjoni vvalidata" tfisser tranżazzjoni li għaliha jkunu ġew ivverifikati l-integrità, l-awtenticità u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-protokoll meħtieġa f'konformità mar-regoli regolatorji tas-sistema ta' reġistri elettroniċi distribwiti;

   (l) "link kriptografika" tfisser referenza għad-data li tiġi stabbilita permezz ta' tekniki kriptografiċi xierqa li jiżguraw l-integrità, l-awtenticità jew it-traċċabbiltà tad-data referenzjata u s-sekwenza korretta tar-rekords tad-data;

   (m) "rapport ta' reġistru" tfisser preżentazzjoni strutturata ta' informazzjoni verifikabbli estratta mir-rekords tad-data ta' reġistru elettroniku, li tipprovdi għarfien dwar attivitajiet speċifiċi, stati, jew konformità ma' regoli predefiniti;

   (n) "fornitur ta' reġistru elettroniku kwalifikat" tfisser fornitur kwalifikat tas-servizzi fiduċjarji li jipprovdi servizz fiduċjarju kwalifikat ta' reġistrazzjoni tad-data f'reġistru elettroniku kwalifikat.

   (o) "reġistru elettroniku distribwit kwalifikat" tfisser reġistru elettroniku distribwit li jissodisfa r-rekwiżiti ta' reġistru elettroniku kwalifikat.

2. Meta l-fornitur kwalifikat tas-servizzi fiduċjarji jkollu bżonn jipproduċi rapport ta' reġistru, dan għandu jiġi ġġenerat b'mod awtomatizzat.

3. Il-fornituri tar-reġistri elettroniċi kwalifikati għandhom joħolqu reġistru elettroniku kwalifikat, jirreġistraw fih data elettronika, jaġġornawh u jżommuh f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fi:

   (a) Għall-fornituri kollha tar-reġistri elettroniċi kwalifikati, ETSI EN 319 401 v3.1.1 (2024-06) bl-adattamenti li ġejjin:

      — 2.1 Referenzi normattivi:

        [1] Il-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà, Sottogrupp dwar il-Kriptografija: "Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma" ippubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà ("ENISA").

[2] IETF RFC 7515 (Mejju 2015): "JSON Web Signature (JWS)".

[3] FIPS PUB 140-3 (2019) "Rekwiżiti tas-Sigurtà għall-Moduli Kriptografiċi".

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 tal-31 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tal-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq il-Kriterji Komuni (EUCC).

[5] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3144 tat-18 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/482 fir-rigward tal-istandards internazzjonali applikabbli u li jikkoreġi dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

[6] ISO/IEC 15408:2022 (il-partijiet 1 sa 5): "Is-sigurtà tal-informazzjoni, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tal-privatezza – Kriterji tal-evalwazzjoni għas-sigurtà tal-IT".

— 6.1 Dikjarazzjoni tal-prattika tas-servizzi fiduċjarji:

  — REQ-6.1-12 Id-dikjarazzjoni tal-prattika tar-reġistru elettroniku għandha tinkludi mqar l-informazzjoni li ġejja:

    — il-kapaċitajiet funzjonali u tekniċi tal-pjattaforma tar-reġistru elettroniku u l-użu tagħha tul il-forniment tar-reġistrazzjoni tad-data f'reġistru elettroniku kwalifikat bħala servizz fiduċjarju kwalifikat;

    — il-mekkaniżmi speċifiċi tal-awtentikazzjoni tal-oriġini tad-data użati waqt il-forniment tas-servizz;

    — il-mekkaniżmi speċifiċi tal-ordni kronoloġika sekwenzjali użati waqt il-forniment tas-servizz;

    — meta applikabbli, il-link kriptografiku użat biex tkun żgurata s-sekwenza tar-rekords tad-data;

    — meta applikabbli, il-mekkaniżmu ta' kunsens li jiżgura l-finalità u l-integrità tar-rekords tad-data u t-tranżazzjonijiet maħżuna fir-reġistru, inkluż kull żmien kawt sakemm jinkisbu l-finalità u l-integrità;

    — il-mekkaniżmi speċifiċi tal-integrità tad-data użati waqt il-forniment tas-servizz.

  — 6.2 Termini u Kundizzjonijiet:

    — REQ-6.2-03 L-abbonati u l-partijiet dipendenti fuq is-servizz fiduċjarju għandhom jiġu infurmati, b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli, fi spazju aċċessibbli għall-pubbliku u individwalment, dwar it-termini u l-kundizzjonijiet preċiżi, inkluż l-elementi msemmija hawn fuq, qabel jidħlu f'relazzjoni kuntrattwali.

  — 6.3 Politika dwar is-sigurtà tal-informazzjoni:

    — REQ-6.3-04X It-TSP għandu jistabbilixxi proċeduri għan-notifika ta' kull bidla fil-forniment tas-servizz fiduċjarju lill-korp superviżorju, f'konformità mar-rekwiżiti tan-negozju u l-liġijiet u r-regolamenti rilevanti. It-TSP għandu jinnotifika lill-korp superviżorju mqar:

      — xahar qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla;

      — tliet xhur qabel il-waqfien ippjanat tal-forniment ta' servizz fiduċjarju.

  — 7.2 Riżorsi umani:

    — REQ-7.2-04X Il-persunal tat-TSP fi rwoli ta' fiduċja għandu jkun jista' jissodisfa r-rekwiżit ta' "għarfien espert, esperjenza u kwalifiki" b'taħriġ formali u kredenzjali jew b'esperjenza reali, jew b'taħlita tat-tnejn.

— REQ-7.2-05X Din għandha tinkludi aġġornamenti regolari (mqar kull 12-il xahar) dwar theddid ġdid u prattiki attwali tas-sigurtà.

— 7.5 Kontrolli kriptografiċi:

— REQ-7.5-01X Fis-seħħ għandu jkun hemm kontrolli tas-sigurtà xierqa għall-ġestjoni ta' kull kjavi kriptografika, algoritmu kriptografiku, u apparat kriptografiku tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, skont, meta xieraq, approċċ ta' aġilità kriptografika.

— REQ-7.5-02 Għall-fini tal-forniment tas-servizzi fiduċjarji tiegħu, it-TSP għandu jagħżel u juża tekniki kriptografiċi xierqa konformi mal-Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [1].

B'mod partikolari:

— REQ-7.5-03 Il-fornituri tar-reġistri elettroniċi kwalifikati għandhom jistabbilixxu l-oriġini tar-rekords tad-data fir-reġistru elettroniku. Għal dak il-għan, għandhom jużaw firem elettroniċi avvanzati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati, jew siġilli elettroniċi avvanzati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati, maħluqa mill-utenti tas-servizz f'konformità mal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) ETSI EN 319 122-1 V1.3.1 (2023-06). Firem u Infrastrutturi Elettroniċi (ESI); firem diġitali tal-CAdES; Parti 1: Elementi kostitwenti u firem bażi tal-CAdES.

(b) ETSI EN 319 132-1 V1.3.1 (2024-07). Firem u Infrastrutturi Fiduċjarji Elettroniċi (ESI); firem diġitali tal-XAdES; Parti 1: Elementi kostitwenti u firem bażi tal-XAdES.

(c) ETSI TS 119 182-1 V1.2.1 (2024-07). Firem u Infrastrutturi Fiduċjarji Elettroniċi (ESI); firem diġitali tal-JAdES; Parti 1: Elementi kostitwenti u firem bażi tal-JAdES, bl-adattament li ġej:

— 5.1.8 Il-parametru tal-intestatura x5c (Katina taċ-Ċertifikat X.509)

— Il-parametru tal-intestatura x5c kif definit fil-klawżola 4.1.6 ta' IETF RFC 7515 [2] għandu jkun preżenti fil-firma tal-JAdES bħala parametru tal-intestatura ffirmat jew mhux iffirmat.

— Il-parametru tal-intestatura x5c għandu jkollu s-semantika speċifikata fil-klawżola 4.1.6 ta' IETF RFC 7515 [2].

— Il-parametru tal-intestatura x5c għandu jkollu s-sintassi speċifikata fil-klawżola 4.1.6 ta' IETF RFC 7515 [2].

— REQ-7.5-04: Il-fornituri tar-reġistri elettroniċi kwalifikati għandhom jiżguraw l-ordni kronoloġika sekwenzjali unika tar-rekords tad-data fir-reġistru elettroniku. Għal dak il-għan, għandhom jużaw links kriptografiċi, ibbażati f'hash lists jew hash trees, permezz ta' funzjonijiet hash kriptografiċi, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards li ġejjin:

(a) SHA-256 jew output tal-hash b'daqs ogħla, f'konformità mal-"Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma" approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [1].

(b) SHA3-256 jew output tal-hash b'daqs ogħla, f'konformità mal-"Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma" approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [1].

Inkella, meta jużaw ir-reġistrazzjoni tal-ħin biex jiżguraw l-ordni kronoloġika sekwenzjali unika tar-rekords tad-data fir-reġistru elettroniku, il-forniturі tar-reġistri elettroniċi kwalifikati għandhom jużaw kronogrammi kwalifikati.

— REQ-7.5-05 Il-forniturі tar-reġistri elettroniċi kwalifikati għandhom jiżguraw l-integrità tar-rekords tad-data rreġistrati fir-reġistru elettroniku kwalifikat. Għal dak il-għan, għandhom jużaw firem elettroniċi avvanzati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati, jew siġilli elettroniċi avvanzati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati, f'konformità mal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

  (a) kwalunkwe format tal-firma jew tas-siġill li jkun f'konformità mal-"Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma" approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA[1];

  (b) SHA-256 jew output tal-hash b'daqs ogħla, f'konformità mal-"Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma" approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [1];

  (c) SHA3-256 jew output tal-hash b'daqs ogħla, f'konformità mal-"Mekkaniżmi Kriptografiċi Miftiehma" approvati mill-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà u ppubblikati mill-ENISA [1].

  (d) Il-forniturі tar-reġistri elettroniċi kwalifikati għandhom jiżguraw is-sejbien immedjat ta' kull bidla sussegwenti fid-data rreġistrata fir-reġistru elettroniku kwalifikat.

— REQ-7.5-06 Meta jintużaw mekkaniżmi tal-firma diġitali, il-kjavi privati tal-iffirmar tal-fornitur tar-reġistri elettroniċi kwalifikati għandhom jinżammu u jintużaw f'apparat kriptografiku sigur li jkun sistema affidabbli ċċertifikata f'konformità ma':

  (a) il-Kriterji Komuni għall-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, kif stabbiliti f'ISO/IEC 15408 ([1]) [6] jew fil-Kriterji Komuni għall-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, il-verżjoni CC:2022, il-Partijiet 1 sa 5, ippubblikati mill-parteċipanti tal-Arranġament dwar ir-Rikonoxximent taċ-Ċertifikati tal-Kriterji Komuni fil-qasam tas-Sigurtà tal-IT, u ċċertifikati għal EAL 4 jew ogħla; jew

  (b) l-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq Kriterji Komuni (EUCC) ([2]) ([3]) [4][5] u ċċertifikata għal EAL 4 jew ogħla; jew

  (c) sal-31.12.2030, FIPS PUB 140-3 ([4]) [3], il-livell 3.

Din iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun għal mira tas-sigurtà jew profil tal-protezzjoni, jew għal dokumentazzjoni tad-disinn u tas-sigurtà ta' modulu, li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan id-dokument, abbażi ta' analiżi tar-riskju u b'kunsiderazzjoni ta' miżuri tas-sigurtà fiżiċi u oħrajn mhux tekniċi.

Jekk l-apparat kriptografiku sigur jibbenefika minn ċertifikazzjoni tal-EUCC [4][5], dak l-apparat għandu jiġi kkonfigurat u jintuża f'konformità ma' dik iċ-ċertifikazzjoni.

([1]) ISO/IEC 15408:2022 (il-partijiet 1 sa 5): "Is-sigurtà tal-informazzjoni, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tal-privatezza – Kriterji tal-evalwazzjoni għas-sigurtà tal-IT".

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/482 tal-31 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tal-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq il-Kriterji Komuni (EUCC) (ĠU L, 2024/482, 7.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/482/2025-01-08).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3144 tat-18 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/482 fir-rigward tal-istandards internazzjonali applikabbli u li jikkoreġi dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ĠU L, 2024/3144, 19.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3144/oj).

([4]) FIPS PUB 140-3 (2019): "Rekwiżiti tas-Sigurtà għal Moduli Kriptografiċi".

— 7.8 Sigurtà tan-network:

— REQ-7.8-14X L-iskennjar għall-vulnerabbiltajiet mitlub minn REQ-7.8-13 għandu jsir imqar darba kull trimestru.

— REQ-7.8-18X It-test tal-penetrazzjoni mitlub minn REQ-7.8-17X għandu jsir imqar darba kull sena.

— REQ-7.8-21X: Il-firewalls għandhom jiġu kkonfigurati wkoll biex jevitaw il-protokolli u l-aċċessi kollha mhux meħtieġa għall-operazzjoni tat-TSP.

— 7.9.1 Monitoraġġ u rendikonti:

— REQ-7.9.1-02X L-attivitajiet tal-monitoraġġ għandhom iqisu s-sensittività ta' kull informazzjoni miġbura jew analizzata.

— 7.12 Terminazzjoni u pjanijiet tat-terminazzjoni tat-TSP:

— REQ-7.12-02 A Il-pjan tat-terminazzjoni tat-TSP għandu jkun f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 [i.1].

(b) Barra minn hekk, għall-fornituri kollha tar-reġistri elettroniċi kwalifikati li jużaw teknoloġiji ta' reġistru elettroniku distribwit:

(1) ISO 23257:2022 Teknoloġiji tal-blockchain u tar-reġistri distribwiti – Arkitettura ta' referenza, il-klawżola 9, li tipprovdi deskrizzjoni sħiħa tas-sistema tat-teknoloġija ta' reġistri elettroniċi distribwiti, in-network tat-teknoloġija korrispondenti ta' reġistri elettroniċi distribwiti u n-nodi tat-teknoloġija ta' reġistri elettroniċi distribwiti;

(2) ISO/TS 23635:2022. Teknoloġiji tal-blockchain u tar-reġistri distribwiti – Linji gwida għall-governanza, fir-rigward ta' politiki u prattiki miktuba u aċċessibbli għall-pubbliku relatati mal-istruttura ta' governanza għas-servizz ta' reġistru elettroniku li jipprovdu.